**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Lydon Zammit)**

**(Spettur Stephen Gulia)**

**(Spettur Doriette Cuschieri)**

**vs**

**Omissis**

**Jonathan Abela**

**Sarah Zammit**

**Illum, 06 t'April 2022**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra:

> **"Omissis** u
>
> **Jonathan Abela**, detentur ta' karta ta' l-Identita' 53682M; u

**Sarah Zammit**, detentrici tal-karta ta' l-Identita' 0063891M.

Akkuzati:

1. Talli bejn id-19 ta' Diċembru 2021 u 20 ta' Diċembru 2021 f'dawn il-gżejjer b'qerq ħolqu t-traċċi ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar;

2. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi irrendew ruħhom reċidivi ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' sentenzi mogħtija fil-konfront tagħhom, mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti giet ukoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skont il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412Ċ tal-Kap. 9 tal-liġijiet ta' Malta għas-sigurta' ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati."

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semgħet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**:

**L-Akkuzi**

Illi l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputati huma (1) il-holqien qarrieqi ta' tracci ta' reat u (2) ir-recidiva.

**L-Ewwel Akkuza**

**Il-Ligi u Gurisprudenza Applikabbli**

F'decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fit-23 ta' Jannar, 2007 fil-kaz **Il-Pulizija vs Charles Bianco**[1] il-Qorti qalet hekk dwar ix-xhieda:

Illi skont l-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, f'kull kaz, ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar. Apparti minn dan, il-Qorti tinnota li mhux kull kunflitt fil-provi bilfors ghandu jwassal ghal-liberatorja, izda l-Qorti ghandha taghmel l-apprezzament taghha fl-isfond tal-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali.

[1] Appell Kriminali Numru. 115/2006

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Thorne**[2], il-Qorti qalet hekk: "mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux".

Illi **Artikolu 637 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> "*L-eccezzjonijiet dwar wahda jew ohra mir-ragunijiet imsemmijin fl-Artikoli 630, 633 u 636, jolqtu biss il-kredibbiltà tax-xhud, u fuq din, id-decizjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz".*

**L-Artikolu 110 (2) tal-Kap 9** tal-Ligijiet ta' Malta

> *(2) Kull min jiddenunzja lill-Pulizija Eżekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq joħloq it-traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sena.*

Illi dwar is-simulazjoni ta' reat, ir-reat kontemplat fl-artikolu 110 (2) l-**Professur Mamo** jghid hekk:

---

[2] 09 ta' Lulju 2003

> "The simulation of an offence is considered as a crime for the injury which it does to the administration of justice by misleading it; for the alarm which the news of an offence causes in the public; for the inconvenience and expense to which the officers of justice may be put; for the danger of suspicions and molestations to which law-abiding citizens may be exposed in the attempt to ascertain an imaginary fact. [...] This crime differs from that of calumnious accusation in as much as in the simulation of offence there is no specific accusation against any determinate person and there is not, therefore, the intent to cause an innocent person to be unjustly convicted or charged [...]. The simulation may be either verbal or direct or real or indirect. The former must consist in a denunciation, that is in an information or report or complaint to the Executive Police: and the crime is completed by the presentation of such information report or complaint, so that the subsequent confession of the untruth would not avail to exclude it. [...] Finally the denunciation must be made without specifying the supposed offender; otherwise this crime degenerates into that of calumnious accusation".

Illi fil-kawza **Il-Pulizija vs David Mizzi**[3], il-Qorti tal-Appell Kriminali abbraccjat dawn il-proncipji u qalet hekk: "Kwantu ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110(2) – is-simulazzjoni ta' reat – dan, bhal tal-kalunja, jinqasam f'simulazzjoni reali jew indiretta u f'simulazzjoni verbali u diretta. Is-simulazzjoni reali jew indiretta tavvera ruhha meta wiehed bil-qerq johloq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar. Is-simulazzjoni verbali jew diretta tirrikjedi

[3] Deciza 16 ta' Frar 1998

semplicement li l-agent jiddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li hu jkun jaf li ma sarx. Ghalhekk element kostituttiv ta' dan ir-reat hu l-konsapevolezza ta' l-agent li r-reat li hu qed jiddenunzja fil-fatt ma sehhx." Dan ir-reat ta' simulazzjoni ta' reat huwa differenti mir-reat ta' kalunja ghaliex f'dan ir-reat m'hemmx akkuza specifika kontra persuna specifika u m'hemmx l-intenzjoni tal-agent li jressaq il-Qorti persuna innocenti."

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs Anthony Farrugia**[4] tenniet: "Issa, ma hemmx dubbju li, bhal fil-kaz tar-reat ta' kalunja, biex ikun hemm id-denunzja lill-awtorita` kompetenti, ma hemmx ghalfejn li jigu osservati l-formalitajiet preskritti fl-Artikoli 537 et. seq. tal-Kodici Kriminali: huwa bizzejjed li l-kalunja jew ir-reat simulat jingieb, anke jekk biss bil-fomm, a konjizzjoni tal-awtorita` kompetenti[5]. Issa huwa veru li, ghall-finijiet tar-reat ta' kalunja (Art. 101), hemm gurisprudenza fis-sens li d-denunzja trid tkun spontanea u mhux biss volontarja. L-ewwel darba li dan il-punt gie affermat mill-Qrati taghna jidher li kien fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-Qrati tal-Magistrati) tal-24 ta' Ottubru, 1951 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Nicola Brincat et** (deciza mill-kompjant Imhallef Anthony Montanaro Gauci)[6]. F'dik is-sentenza dik il-Qorti dahlet f'certu dettal dwar dan il-punt kontrovers (fejn anke id-dottrina Taljana jidher li ma kienitx konkordi), izda jidher li kienet influwenzata principalment bil-kummenti tal-Falzon fil-ktieb tieghu Annotazioni alle Leggi Criminali per l'Isola di Malta e sue Dipendenza[7]. Ir-reat kontemplat fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 110, pero`, gie introdott fil-ligi taghna bl-Ordinanza IX tal-1911 hu – kif josserva l-Professur Sir

---

[4] Deciza fit-02 t'April 2004
[5] Il-Pulizija v. Nicholas Ellul App. Krim. 21 ta' Novembru, 1985.
[6] Ara wkoll Il-Pulizija v. Bashir Mohtar Ben Duoi u Luccarda sive Luckie Pace App. Krim. 26 ta' Awwissu, 1998.
[7] Malta, 1872.

Anthony Mamo fl-appunti tiegħu[8] – din id-disposizzjoni giet mudellata kwazi kelma b'kelma fuq l-Artikolu 211 tal-Codice Zanardelli[9]. Hija ghalhekk il-gurisprudenza jew id-dottrina, anke jekk Taljana, dwar din id-disposizzjoni li wiehed, se mai, ghandu jsegwi u mhux dik dwar il-kalunja. Dan qed jinghad ghax, fil-fehma ta' din il-Qorti, filwaqt li ghar-reat ta' kalunja wiehed jifhem li l-ispontanjeta` tad-denunzja tista' tkun importanti proprju biex taccentwa l-intenzjoni specifika, li l-agent irid ikollu, sabiex jinkolpa persuna partikolari li huwa jkun jaf li hi innocenti, fil-kaz tar-reat ta' simulazzjoni ta' reat din il-Qorti ttendi li tara l-uzu tal-kelma "jiddenunzja" fis-sens generiku li "igib a konjizzjoni tal-Pulizija Ezekuttiva".

Fil-kodici vigenti Taljan, l-artikolu li jitratta s-simulazzjoni ta' reat huwa l-Artikolu 367. L-inkriminazzjoni skont l-Artikolu 110 (2) hija intiza proprju biex tipprevjeni li l-awtorita' kompetenti toqghod tahli z-zmien tindaga dwar reat li ma jkunx effettivament sehh, apparti l-allarm li l-ahbar jista' jnissel fil-pubbliku u l-fatt li, fil-kors tal-investigazzjonijiet tal-Pulizija jista' jaqa' suspett – intortament – fuq persuni li jkunu totalment innocenti. **Francesco Antolisei**, a propozitu tar-reat kontemplat fl-Artikolu 367 tal-Kodici vigenti Taljan, jghid hekk: A proposito della prima forma va notato che l'espressione "denuncia" non e` usata nell'articlo 367 in senso tecnico. Essa comprende anche il referto e il rapporto e, in genere, ogni notitia crminis, orale o scritta, non importa se presentata spontaneamente dal soggetto o per invite dell'Autorita` (per es., in un interrogatorio)[10].

---

[8] Notes on Criminal Law, Vol. II, p. 68.

[9] Articolo 211: "Chiunque denunzia all'Autorita` giudiziaria o ad un pubblico ufficiale, il quale abbia obbligo di riferirne all'Autorita` stessa, u reato che sa non essere avvenuto, ovvero ne simula le tracce, in modo che si possa iniziare un procedimento penale per accertarlo, e` punito….".

[10] Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II, Giuffre` (Milano), 1986, p. 895.

Il-**Maino**, fil-kumment tieghu dwar l-Artikolu 211, jghid hekk: Fu giudicato che, a costituire questo reato, non e` neccessaria la spontaneita` assoluta della denunzia: applicarsi quindi l'art. 210 [recte: 211] alla falza denunzia [anche quando e`] stata preceduta da qualche indagine del pubblico ufficiale[11].

Il-**Babboni** jiddeskrivi hekk l-iskop tal-inkriminazzjoni u r-rwol tad-denunzja: "Trattandosi di un delitto contro l'amministrazzione della giustizia, l'elemento obiettivo del medesimo sta nell'inganno della gustizia stessa, che, per effetto della denunzia, deve procedere alle relative indagini, e nessuna importanza ha la mancanza nella denunzia dei requisiti degli art. 98-100 cod. proc. pen., purchè vi sia la possibilità di un procedimento. Sull'attitudine della denunzia a determinare l'attività degli organi giudiziari non possono stabilirsi regole precise, e ogni giudizio in proposito dipende dall'apprezzamento dei fatti nei singoli casi. Può in generale affermarsi che la denunzia deve provenire da persona in grado di comprendere l'atto che compie, e deve riferirsi a un fatto che si presenti nell'insieme come un reato. Non è neccessario che la denunzia sia fatta spontaneamente, potendo essere costituita anche da risposte date all'Autorità giudiziaria, che venga per tal modo informata del preteso reato. Equivale a denuncia la conferma davanti all'Autorità giudiziaria della notizia d'un reato fornita precedentemente ad altra Autorità[12].

Il-**Professur Mamo** jghid hekk dwar dan ir-reat: "The specific malice of this crime consists in the intent to deceive or mislead justice by denouncing

---

[11] Maino, L., Commento al Codice Penale Italiano – Volume Secondo, UTET (Torino), 1924, p. 312, para. 1088.
[12] Babboni, R., "Dei delitti contro l'Amministrazione della Giustizia" in Babboni, R., et al. Trattato di Diritto Penale, Vallardi (Milano), Seconda Edizione, Vol. V, p. 33

or making appear an offence which is known not to have been committed and not in the intent to harm, directly by the simulation, any other person."

**Il-Komplicita' fid-Delitti**

Il-Komplicita' fit-twettiq ta' reat hija regolata mit-Titolu IV tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Artikolu 42 jirregola t-tifsira ta' persuna komplici f'reat u jipprovdi hekk:

> "*42.Persuna titqies kompliċi f'delitt jekk hija –*
> *(a) tkun tat ordni lil ħaddieħor biex jagħmel id-delitt; jew*
>
> *(b) tkun ġiegħlet li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, wegħdiet, theddid, maniġġi, jew egħmil qarrieqi, inkella b'abbuż ta' awtorità jew setgħa, inkella li tkun tat istruzzjonijiet biex isir id-delitt; jew*
>
> *(ċ) tkun tat armi, għodod jew mezzi oħra li jkunu ġew użati fl-egħmil tad-delitt, meta kienet taf li kellhom hekk jiġu użati; jew*
>
> *(d) għad li ma tkunx waħda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (ċ), b'xi mod li jkun, xjentement, tkun għenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ippreparat jew ikkunsmat; jew*

*(e) tkun xewxet lil ħaddieħor inkella saħħet il-volontà tiegħu sabiex jagħmel id-delitt, jew wegħdet li wara l-fatt tassistih, tieqaf miegħu jew tikkompensah.*

L-Artiklu 43 tal-Kap.9 imbaghad jipprovdi ghall-piena f'kaz ta' komplicita' f'reat u jaqra hekk:

*"43. Barra minn meta l-liġi tgħid xort'oħra, il-kompliċi f'delitt jeħel il-piena stabbilita għall-awtur."*

L-Artiklu 44 tal-Kap. 9 imbaghad jipprovdi ghac-cirkostanzi personali tal-persuni involuti fil-kummissjoni tar-reat u jaqra hekk:

*"44. Meta żewġ persuni jew aktar jieħdu sehem f'delitt, iċ-ċirkostanzi li għandhom x'jaqsmu biss mal-persuna ta' xi waħda minnhom individwalment, sew jekk tkun awtur jew kompliċi, u li lilha jkunu jneħħulha, ikabbrulha jew inaqqsulha l-piena, ma jiswew la ta' ġid u lanqas ta' deni lill-oħrajn li jkunu mdaħħlin fl-istess delitt.*

L-Artiklu 45 imbaghad jipprovdi dwar l-ghemil tal-persuni involuti u kif tali ghemil jaffettwa jew ma jaffettwax lill-ohrajn u jaqra hekk:

*"45.Meta żewġ persuni jew aktar jieħdu sehem f'delitt, kull att magħmul minn waħda minnhom, sew jekk din tkun awtur jew kompliċi, u li jkun jagħmel iżjed gravi d-delitt, hu imputabbli biss -(a) lill-persuna li tagħmel l-att;(b) lill-persuna li kienet taf bl-att minn qabel ma sar; u (ċ) lill-*

*persuna li, għad li kienet taf bl-att fil-waqt li kien qiegħed isir, u għad li kienet tista' timpedih, ħallietu jsir."*

L-Artiklu 46 tal-Kap. 9 imbaghad jipprovdi illi l-kompliċi jeħel il-piena indipendentement mill-awtur u jaqra hekk:

*"46.Meta jiġi stabbilit li fil-fatt sar delitt, il-kompliċi jeħel, apparti mill-awtur, allavolja dan ikun miet, jew ħarab, jew tkun ġiet lilu mogħtija l-maħfra, jew b'xi mod ieħor ikun ġie meħlus qabel il-kundanna, jew ukoll jekk l-awtur ma jkunx magħruf."*

Illi d-dottrina u l-gurisprudenza in tema ta' komplicita' hija ben stabbilita. Il-**Professur Sir Anthony Mamo** jghallem li:

"A man may be held responsible for an offence, even though he may not have done the act which constitutes that offence, if he had done some other act which has helped towards the commission of the offence and had done the act in pursuance of a common design to commit that offence[13]

Illi l-Qorti tal-Appell abbraccjat il-principju li:

*"Il-kompliċi huwa dak li għalkemm ma jipparteċipax materjalment fis-serqa, jagħmel xi ħaġa, bi ftehim magħhom, jiġifieri jkun hemm ftehim minn qabel magħhom, biex jgħinhom jew fil-preparazzjoni tas-serqa, jew fit-twettiq tas-*

[13] Notes on Criminal Law Vol I pagna 124.

*serqa, .... L-importanti huwa naturalment li jkun hemm ftehim minn qabel.”*[14]

Illi dwar il-prova necessarja biex tirrizulta imputazzjoni ta' komplicita' f'reat imwettaq minn persuna ohra ghalhekk irid jirrizulta sodisfacentement pruvat mill-prosekuzzjoni ... li l-imputat (i) kien jaf li l-awtur kien ser iwettaq id-delitt u (ii) li hu deliberatament ghenu biex hekk iwettaq id-delitt billi ghamel xi haga li tinkwadra f'wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) tal-Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali. Is-semplici fatt li l-imputat mar ma' l-awtur, u anke kien fuq il-post waqt li dan wettaq id-delitt in kwistjoni, ma jfissirx necessarjament li hu kien jaf x'kellu f'mohhu.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali pero iccarat li: “*Huwa veru li l-presenza ta' persuna fuq il-post tad-delitt u waqt li jkun qed jigi kommess id-delitt tista' tammonta ghall-komplicita` f'dak id-delitt kemm-il darba jkun jirrisulta li bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-hsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt.”*[15]

**Il-Provi**

Illi f'din il-kawza originarjament gew imharrka tlett persuni u cioe' l-imputati u persuna ohra, li fl-ewwel seduta ammettiet l-istess akkuzi migjuba kontriha. U ghalhekk kien hemm ukoll is-separazzjoni tal-gudizzju.

---

[14] Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deciza 29.09.2004
[15] Il-Pulizija vs Carmelo Agius deciza 24.02.2002.

L-I**spettur Lydon Zammit** xehed[16] illi fid-19 ta' Dicembru 2021 dahal rapport l-Ghassa Rahal Gdid minn Fr. Hayden Williams, kappillan il-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, li kien ircieva diversi telefonati fuq il-mobile tieghu li certu Mohammed Kaveh Tahmasebi Gareh Shiran[17] kien safa mahtuf minn grupp ta' persuni, zewg irgiel u mara. Kien ircieva wkoll telefonati u sms's u messaggi fuq WhatsApp fejn kien qed jintalab somma flus sabiex jigi rilaxxjat Kaveh. Omm Kaveh li tinsab fl-esteru kienet ukoll qed tircievi messaggi simili. Huwa kompla jixhed fid-dettal dwar id-diversi telefonati li rceivi Fr. Hayden uhud anke fl-ufficcju tal-prosekuzzjoni fid-Depot tal-Pulizija, kif ukoll x'kien qed jintalab minn Fr. Hayden ghar-rilaxx ta' Kaveh inkluz is-somma flus li telghet sa elfejn u tlett mitt Ewro, kif ukoll li wiehed mill-irgiel jiltaqa' ma' Fr. Hayden sabiex jigbor il-flus minn ghand Fr. Hayden. Xehed ukoll illi waqt l-interrogazzjoni l-imputat Jonathan Abela ammetta l-involviment tieghu f'din l-istorja ghalkemm sostna li kien ivvintaha Kaveh. Huwa spjega wkoll l-investigazzjonijiet li saru minn naha tal-Pulizija dwar dan il-kaz.

Xehed **Fr. Hayden Williams[18]** li xehed fid-dettal dwar kif sar il-kuntatt mieghu, kemm ircieva telefonati u messaggi, li dawn kienet qed tircievihom ukoll omm Kaveh li tinsab fl-esteru, li sahansitra ntbaghtet ukoll Karta tal-Identita' ta' Mara biex isir id-depozitu tal-flus ghan-nom taghha, li wiehed mill-irgiel ried li jiltaqa' mieghu biex jigbor il-flus u hafna dettalji ohra.

Xehed **Mohammed Kaveh Tahmasebi Gareh Shiran[19]** spjega li din kienet storja li hu vvinta bl-ghajnuna taz-zewg imputati Jonathan Abela u

[16] A folio 38 tal-process
[17] It-tielet persuna involuta u li rregistrat ammissjoni fil-kaz in ezami.
[18] A folio 63 tal-process
[19] A folio 77 tal-process

Sarah Zammit, kif ukoll bl-ghajnuna ta’ Glenn Busuttil. Spjega li l-intenzjoni kienet li tingabar somma flus minn ghand ommu sabiex wara jixtru d-droga ghalihom kollha. Spjega l-partecipazzjoni li l-imputati kellhom f’din l-istorja.

Xehdet l-**Ispettur Doriette Cuschieri**[20] li kien dahal rapport l-Ghassa ta’ Rahal Gdid dwar htif ta’ persuna u l-investigazzjonijiet li saru minn naha tal-Pulizija.

Xehdu **PS 2181 Stephanie Borg**[21] **u PC 9 Aaron Cini**[22] dwar l-involviment li kellhom fl-investigazzjoni.

Xehdet **Marie Claire Tabone**[23]**,** in rapprezentanza ta’ Melita Ltd li esebiet Dokument MCT1[24] dwar in-numru tal-mobile 77756098 u Dokument MCT2[25] dwar in-numru tal-mobile 77660590.

Xehed ukoll fid-dettal **l-Ispettur Stephen Gulia** dwar l-investigazzjoni tal-Pulizija fuq dan ir-rapport. Huwa esebixxa ukoll Dokument SG2[26] li huwa traskrizzjoni tal-messaggi li ntbaghtu bil-WhatsApp fuq il-mobile ta’ omm Kaveh, minn fejn jirrizulta wkoll illi kienet qed tintalab somma flus u li hija kienet irceviet kopja ta’ Karta tal-Identita’ sabiex tkun tista’ tghaddi l-flus fuq id-dettalji ta’ dik il-persuna, li kienet il-Karta tal-Identita’ tal-imputata Sarah Zammit.

---

[20] A folio 109 tal-process
[21] A folio 115 tal-process
[22] A folio 118 tal-process
[23] A folio 121 tal-process
[24] A folio 123 tal-process
[25] A folio 126 tal-process
[26] A folio 136 tal-process

Xehdet **Dr Marisa Lautier Mifsud**[27] li pprezentat it-traskrizzjoni tal-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputati Jonathan Abela u Sarah Zammit u minn Glenn Busuttil.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti ezaminat u fliet bir-reqqa l-atti processwali kollha. Jirrizulta car mill-istess illi:

1. Iz-zewg imputati kellhom sehem attiv f'din l-istorja vvintata tal-htif ta' Kaveh. Hekk l-istorja svolgiet fir-residenza tal-imputat Jonathan Abela fil-presenza tieghu stess, tal-imputata Sarah Zammit u ta' Glenn Busuttil;

2. Skond Kaveh il-flus li kienu se jittiehdu minn ghand ommu kienu se jintuzaw sabiex tinxtara d-droga ghalihom l-erbgha;

3. L-imputata Sarah Zammit kienet prezenti waqt din il-messa in scena kollha u assistiet il-kummissjoni ta' dan ir-reat billi provdiet il-Karta tal-Identita' taghha sabiex omm Kaveh tiddepozita l-flus fuq id-dettalji ta' l-istess Sarah Zammit;

4. L-imputat Jonathan Abela fuq ammissjoni tieghu stess waqt l-interrogazzjoni, kif jirrizulta wkoll mit-traskrizzjoni ta' l-istess, kien wkoll involut fit-telefonati li saru lil Fr. Hayden tant li kien hu li kien se jiltaqa' ma' Fr. Hayden biex jigbor il-flus li kellhom jithallsu ghar-rilaxx ta' Kaveh.

[27] A folio 160 tal-process

Illi mill-assjem tal-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-imputati t-tnejn kienu involuti attivament f'dan ir-reat u assistew lil Kaveh biex jigi attwat dan il-pjan.

Illi abbraccjati l-principji legali u l-gurisprudenza f'din il-materja, kif esposta, il-Qorti ghalhekk fir-rigward tal-ewwel akkuza qeghda issib htija fiz-zewg imputati.

**It-Tieni Akkuza**

Illi fir-rigward tat-tieni akkuza u cioe' dik tar-recidiva, ghalkemm il-Prosekuzzjoni ressqet il-fedina penali tal-imputati bhala prova, il-Prosekuzzjoni pero naqqset milli tressaq l-aqwa prova f'dan ir-rigward kif rikjest fil-kamp kriminali, u cioe' naqset milli tressaq bhala xhud il-persuna/i idoneji u l-awtorita kompetenti sabiex jixhdu f'dan ir-rigward u jesebixxu s-sentenza/i kompleta/i sabiex tigi pruvata r-recidiva. Ghalhekk din il-Qorti ma hiex issib htija fl-imputati fir-rigward tat-tieni akkuza u qed tilliberahom mit-tieni akkuza.

**Ikkunsidrat:**

Il-prosekuzzjoni ressqet ukoll il-fedina penali tal-imputat Jonathan Abela[28], minn liema jirrizulta illi l-imputat gia bbenefika minn diversi opportunitajiet moghtija lilu mill-Qrati taghna u dan bil-ghan illi jirrijabilita ruhu mill-hajja refrattarja li qabad. Dan nonostante jidher li l-imputat ma tghallem xejn minn tali opportunitajiet stante li huwa rega' qieghed jirrispondi ghall-akkuzi in ezami.

[28] Dokument LC4 a folio 10 tal-process

Il-prosekuzzjoni ressqet ukoll il-fedina penali tal-imputata Sarah Zammit[29], minn liema jirrizulta illi l-imputata gia bbenefikat minn diversi opportunitajiet moghtija lilha mill-Qrati taghna u dan bil-ghan illi tirrijabilita ruhha mill-hajja refrattarja li qabdet. Dan nonostante jidher li l-imputata ma tghallmet xejn minn dawn l-opportunitajiet stante li hija regghet qeghda tirrispondi ghall-akkuzi in ezami.

**Decide:**

**Fil-konfront ta' l-imputat Jonathan Abela:**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qeghda ssib lill-imputat **Jonathan Abela** hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu u mhux hati tat-tieni akkuza migjuba kontra tieghu u ghalhekk qed tilliberah minnha.

U wara li qieset in-natura u l-gravita' tar-reat, ic-cirkostanzi kollha li taw lok ghal dan il-kaz u il-fedina penali tal-imputat u wara li rat l-Artikoli 42, 43, 44, 45, 46 u 110 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tikkundanna lill-imputat Jonathan Abela ghal sena prigunerija effettiva.

Fid-dawl tal-fatt li l-ħati huwa maħkum mill-vizzju tal-abbuż mid-drogi, il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin sabiex matul il-perjodu li fih il-ħati sejjer ikun residenti fl-istess Faċilita' jara li l-istess ħati jingħata l-għajnuna meħtieġa u l-possibilita' sabiex huwa jkun jista jibda' u jispiċċa programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tal-abbuż mid-drogi inkluż billi jiġi riferut għal dik it-taqsima l-aktar adatta sabiex dan l-għan ikun jista' jintlaħaq b'suċċess.

[29] Dokument LC6 a folio 14 tal-process

U għal dan il-għan ukoll il-Qorti qegħda tqiegħed lill-ħati Jonathan Abela taħt Ordni ta' Trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, skont it-termini imsemmija fid-digriet li qed jiġi anness ma' din is-sentenza, liema ordni qiegħed isir għal perjodu ta' sentejn u tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jipprovdi dik l-assistenza kollha meħtieġa lill-ħati sabiex din l-ordni ta' trattament tkun tista' tiġi segwita u imwettqa mill-istess ħati b'suċċess.

Il-Qorti mhix tilqa' t-talba tal-Prosekuzzjoni taht l-Artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, stante illi f'din il-kawza ma kienx hemm hatra ta' esperti.

Għal kull buon fini l-Qorti fissret lill-ħati Jonathan Abela fi kliem ċar u li jinftiehem l-obbligi tieghu skont din is-sentenza u x'jigri jekk huwa ma jonorax l-istess u l-konsegwenzi li huwa jkollu jaffaċċja fil-kaz li huwa ma jottemperax ruħu mal-kundizzjonijiet imposti fuqu bl-ordni hawn fuq imsemmija.

U

**Fil-konfront tal-imputata Sarah Zammit:**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qeghda ssib lill-imputata **Sarah Zammit** hatja tal-ewwel akkuza migjuba kontra taghha u mhux hatja tat-tieni akkuza migjuba kontra taghha u ghalhekk qed tilliberaha minnha.

U wara li qieset in-natura u l-gravita' tar-reat, ic-cirkostanzi kollha li taw lok ghal dan il-kaz u l-fedina penali tal-imputata u wara li rat l-Artikoli 42,

43, 44, 45, 46 u 110 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tikkundanna lill-imputata Sarah Zammit ghal sena prigunerija effettiva.

Fid-dawl tal-fatt li l-ħatja hija maħkuma mill-vizzju tal-abbuż mid-drogi, il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin sabiex matul il-perjodu li fih il-ħatja sejra tkun residenti fl-istess Faċilita' jara li l-istess ħatja tingħata l-għajnuna meħtieġa u l-possibilita' sabiex hija tkun tista tibda u tispiċċa programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tal-abbuż mid-drogi inkluż billi tiġi riferuta għal dik it-taqsima l-aktar adatta sabiex dan l-għan ikun jista' jintlaħaq b'suċċess.

U għal dan il-għan ukoll il-Qorti qegħda tqiegħed lill-ħatja Sarah Zammit taħt Ordni ta' Trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, skont it-termini imsemmija fid-digriet li qed jiġi anness ma' din is-sentenza, liema ordni qiegħed isir għal perjodu ta' sentejn u tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jipprovdi dik l-assistenza kollha meħtieġa lill-ħatja sabiex din l-ordni ta' trattament tkun tista' tiġi segwita u imwettqa mill-istess ħatja b'suċċess.

Il-Qorti mhix tilqa' t-talba tal-Prosekuzzjoni taht l-Artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, stante illi f'din il-kawza ma kienx hemm hatra ta' esperti.

Għal kull buon fini l-Qorti fissret lill-ħatja Sarah Zammit fi kliem ċar u li jinftiehem l-obbligi taghha skont din is-sentenza u x'jigri jekk hija ma tonorax l-istess u l-konsegwenzi li hija jkollha taffaċċja fil-kaz li hija ma tottemperax ruħu mal-kundizzjonijiet imposti fuqha bl-ordni hawn fuq imsemmija.

***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

Angelo Buttigieg

Deputat Registratur